Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 6 ta' Lulju 2018**
**(OR. en)**

**10824/18**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2015/0907 (APP)**

**AG 14**
**PE 97**
**INST 270**
**FREMP 119**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 9425/18 |
| Suġġett: | Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-Att dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom tal-20 ta' Settembru 1976<br>– Adozzjoni |

1. Fil-11 ta' Novembru 2015, il-Parlament Ewropew (PE) adotta proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tadotta d-dispożizzjonijiet li jemendaw l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, akkumpanjat minn riżoluzzjoni dwar ir-riforma tal-liġi elettorali tal-Unjoni Ewropea.

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Affarijiet Ġenerali (GAG) ilu jeżamina l-proposta mill-bidu tas-sena 2016. Fil-Coreper fis-7 ta' Ġunju 2018, intlaħaq qbil unanimu dwar il-proposta ta' kompromess tal-Presidenza[1], abbażi tal-proposta ppreżentata lill-Kunsill f'April u li ħadet il-forma ta' Deċiżjoni ta' emenda għall-Att Elettorali tal-1976. It-test maqbul kien sussegwentement rivedut mill-ġuristi lingwisti [2].

[1] Dok. 9226/18
[2] Dok. 9425/18.

3. Fl-4 ta' Lulju 2018, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' hawn fuq kif tinsab fid-dok. 9425/18.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa, għaldaqstant, mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill kif tinsab fid-dok. 9425/18 u jordna li d-dikjarazzjonijiet fl-addenda għal din in-nota jiddaħħlu fil-minuti tal-laqgħat tal-Coreper u tal-Kunsill.